# DMV Versa™







## Parti li Tneħħi/Parti li Ddaħħal għal Lentijiet tal-Kuntatt Sklerali

**Użu Intenzjonat**

DMV Versa huwa ddisinjat għal biex wieħed idaħħal u jneħħi lentijiet tal-kuntatt sklerali.

**Istruzzjonijiet għall-użu**

⚠ Qabel ma tużah għall-ewwel darba, naddaf it-tagħmir b'70% isopropyl alcohol u ħallieh jinxef b'mod naturali.

Tneħħija – Xarrab kemxejn it-tazza tal-ġbid tal-arja (l-iżgħar tarf) ta' DMV Versa b'soluzzjoni salina, mexxiha lejn l-għajn u poġġiha fuq in-naħa ta' quddiem tal-lenti tal-kuntatt sklerali ħdejn it-tarf. Bil-mod aqla' l-lenti minn mal-għajn. Din l-azzjoni se tħoll l-aderenza tal-lenti u l-lenti se tinqala' minn mal-għajn. Wara li tneħħiha, għaddi l-lenti tal-kuntatt b'attenzjoni minn mal-ġenb minn ġot-tazza tal-ġbid tal-arja.

Inserzjoni – Poġġi lenti sklerali mxarrba fuq it-tarf il-kbir ta' Versa fejn il-lenti se teħel b'mod ħafif. Żomm il-kpiepel tal-għajn miftuħa bl-id l-oħra u poġġi l-lenti tal-kuntatt sklerali fuq il-kornea. Ladarba l-lenti tkun weħlet mal-għajn, iġbed lura d-DMV Versa. Il-qafas bi strixxi rinfurzati fit-tazza huwa ddisinjat biex jipprovdi wiċċ elevat li tista' toqgħod fuqu l-lenti u biex jipprevjeni milli l-lenti teħel ma' Versa. Uża mera għall-gwida.

**Tindif**

Kull darba wara li tuża t-tagħmir, naddfu b'70% isopropyl alcohol u ħallieh jinxef b'mod naturali. Aħżen it-tagħmir fil-kaxxa tiegħu wara li jinxef. Ippjana li tissostitwixxieh darba kull sitt xhur.

⚠ **Prekawzjoni:** Jekk id-DMV Versa jeħel aċċidentalment mal-għajn bit-tarf iż-żgħir (tazza tal-ġbid tal-arja), mexxieh lejn ir-rokna tal-għajn u neħħieh billi ddawwar. Jekk id-DMV Versa jeħel aċċidentalment mal-għajn bit-tarf il-kbir (pad fejn tistrieħ il-lenti), kemm tiġbdu lura minn mal-għajn, għax ma jkun hemm l-ebda ġbid tal-arja fuq dan it-tarf.

⚠ **Attenzjoni:** Jekk jogħġbok żomm dan il-prodott 'il bogħod mil-likwidi bħal krema tal-idejn, ġells tax-xagħar, likwidu għat-tneħħija tal-verniċ tad-dwiefer u sustanzi ossidanti qawwijin.

⚠ **Attenzjoni:** Periklu ta' fgar. Żomm dan u l-apparati mediċi kollha 'l bogħod minn tfal żgħar. Dan il-prodott mhux rakkomandat biex jintuża ma' għajnejn li għandhom xi mard jew ħsara. Jekk tesperjenza irritazzjoni fl-għajnejn, indeboliment jew uġigħ fil-vista mhux tas-soltu, ikkonsulta lill-professjonista tal-kura tal-għajnejn tiegħek.

⚠ **Attenzjoni:** Għalkemm m'hemm l-ebda evidenza ta' problemi ta' allerġija b'dan il-prodott, **fih gomma naturali xotta. Ma fihx latex likwidu**, allerġen magħruf.

⚠ **TUŻAX DMV Versa biex tneħħi lentijiet tal-kuntatt ROTOB jew Ibridi.**

Jekk kellek kwalunkwe inċident serju b'rabta ma' dan it-tagħmir, irrappurtah lill-manifattur. Jekk inti residenti fl-UE, irrapporta l-inċident lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li inti stabbilit fih.

Dan il-prodott jippermetti lil persuni li jilbsu l-lentijiet tal-kuntatt biex idaħħlu u/jew ineħħu l-lentijiet tal-kuntatt tagħhom sabiex jużawhom skont l-iskop intenzjonat. Għalhekk dan il-prodott huwa meqjus li huwa apparat mediku.

MD Dan il-prodott huwa apparat mediku

Ipproteġi mix-xemx diretta

105°C 220°F Taħżinx f'temperatura ogħla minn 105° C/220°F

Pazjent wieħed - użu multiplu

Aqra l-Istruzzjonijiet għall-Użu dmvcorp.com

Data tal-Manifattura

CE

Distribution Europe:
Prolens AG, Josefstrasse 53
CH-8005, Zürich

DMV Corporation
1024 Military Road
Zanesville, Ohio 43701 - USA

EC REP

Emergo Europe
Prinsessegracht 20
2514 AP, The Hague - The Netherlands

Issue Date: 2020-10 Versa_10/2020